Kull meta tiġi fejni…
Mhux biex tibkini… le,
Imma biex tħossni aktar qrib ta' qalbek
U b'ħarsti ġewwa ħarstek,
Biex tbexxaq dawk xufftejk safja kif ħliftli!
U titbissimli donnok qed tarani,
Mimli bil-qawwa u saħħa,
U f'għajnejja
Ix-xbieha tiegħek ħajja!
Biex tqiegħed fuqi ħiemed
Bukkett ta' ward ifewwaħ,
(Kif tfewwaħ qalbek sħiħa)
Marbut bir-rabta ħelwa
Li konna t-tnejn għamilna kollha ħeġġa
Quddiem Ġesù u Marija!
Għax jiena nħobbu l-ward…
Fih tistrieħ qalbi meta tkun għajjiena
Bil-ġirja bla waqfien ta' din il-ħajja.
Ġibli fix-Xitwa,
Il-Krizantemi u n-Narċis bajdani
U fil-jiem Sajfija,
Kmieni, kif jasal Marzu, April u Mejju,
Il-Ġiżi jfuħ, il-Qronfol,
Il-Ġilju, it-Tulipan u l-Ward t'Awissu
Li twieled jifraħ miegħi,
Li kont inħobb u ngħożżu!

Hekk, iva, ejja, ja ħanina qalbi!
Ejja iġri fejni
Bil-ward ifuħ fi ħdanek!
Jiena nkun hemm…
Inkun qed nistenniek b'dirgħajja beraħ
Biex bil-ward miegħek ngħannqek u naħliflek
Li għadni nħobbok,
Li għadni kollni tiegħek…
Imbagħad inserraħ dax-xufftejn ma' tiegħek!
Wara Alla, lilek;
Lilek biss… u warajk il-ward saltnati,
Li tibqa' tgħanni wkoll sabiħ minn qabri!

23. 7. 50.

# NHAR SAN DUMINKU TAL-BIRGU 

## 31 TA' AWISSU 1952

Ta' Val. V. Barbara, O.P.

Doqqu, ja qniepen, xerrdu l-għanja kbira
Ġod-djar, fit-toroq ta' dil-Belt Rebbieħa;
Infetħu, bnadar, fuq il-bjut maż-żiffa,
Ħabbru mill-għoli das-sigħat ferrieħa.

Juruh xofftejna jekk aħniex ferħana,
Jixhduh għajnejna jekk aħniex henjin,
Tħabbat f'sidirna qalbna u trid li toħroġ
Biex tfisser lil kulħadd aħniex kburin.

F'torċi ta' nhar ta' mħabba dlonk jitkebbes
Il-għadam niexef ta' min ħabb u stenna
Għalxejn, jaħasra! u ntefa bi tnehida
Bix-xewqa f'qalbu ta' dal-jum tal-ġenna.

Spirtu bla sabar, għal tlettax-il sena
Midfun fil-ħerba tal-Lunzjata tagħna,
Joħroġ ferħan u jħares kburi lejna,
L-ulied li l-biki u d-dmugħ kabbar setgħana.

B'leħen ta' glorja liż-żgħar tagħna jtenni
Il-għanja ta' l-imgħoddi qatt minsija,
U jfewweġ xrara f'demmhom sħun li jbaqbaq,
Li wirtu minn qlub kbar il-lum mitfija.

U l-għanja mġedda toħroġ għal darb'oħra
B'ilħna qawwija bħal mewġiet ġgantin,
Tħeġġeġ il-qlub tal-kotra l-Alleluja
Tal-"Kalaroga" b'għaxqa u ferħ safjin.

Missier Qaddis, Ġenna ta' l-art, oh! fl-aħħar
Fejjaqt l-uġigħ li l-aħħar gwerra tatna,
Irġajt feġġejt bħall-kewkba ta' fuq ġbinek,
Irġajt għaddej minn fostna, minn triqatna.

Missier il-Martri, id-demm li xerrdu qlubna
Fil-ħin tal-hemm, ħalli f'dal-jiem ta' sebħ
Jixgħel bħal żejt quddiemek, waqt li b'qima
F'riġlejk inqiegħdu l-palm aħdar tar-rebħ.